**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2002

**Numru 29**

**Avviz. numru 416/01JR**

**Francis Busuttil & Sons Limited**

**vs**

**Anthony Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Gunju, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm157.53) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-4 t'Ottubru, 2001, fejn intqal illi t-talba qieghda tigi kontestata peress illi kull meta l-konvenut xtara hut minghand is-socjeta` attrici dejjem hallasha u m'ghandu l-ebda pendenza jew bilanc xi jhallasha;

Peress li ilu zmien twil li l-konvenut xtara xi merkanzija, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull pretensjoni li setgha kien hemm hija llum preskritta.

Semgha x-xhieda ta' Anthony Debono, u ta' Dr. Anthony Vella. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Illi fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2002, il-konvenut intrabat li fis-seduta ta' wara jindika l-Artikolu rilevanti dwar il-preskrizzjoni.

   Illi fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2002, id-difensur tal-konvenut iddikjara li ma kellux provi ohra ghajr li jipprezenta nota fejn jindika l-artikolu rilevanti tal-preskrizzjoni.

   Illi l-konvenut baqa' ma pprezentax in-nota li tindika l-Artikolu rilevanti dwar il-preskrizzjoni.

2. **Illi fin-nuqqas li gie indikat l-artikolu dwar il-preskrizzjoni, kif diversi drabi gie ritenut mill-Qrati, it-Tribunal ma jistghax jaghzel hu liema Artikolu ghandu japplika. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi akkolta.**

3. **Illi mill-provi, u mill-istatement esebit, Dok.A, jidher li saru diversi konsenji lill-konvenut mis-socjeta` attrici, u dana specifikatament fis-17 ta' Gunju, 1996, 5 ta' Settembru, 1996, 22 ta' Novembru, 1996, u 7 t'Awissu, 1998. Il-konvenut stess xehed li kien ilu jixtri minghand is-socjeta` attrici ghall xi hmistax-il sena.**

4. **Il-konvenut sostna fix-xhieda tieghu li dejjem hallas, u jghid li l-ammont mitlub jirrigwarda oggetti tal-friza, bhal "fish fingers", li s-socjeta` attrici kellha tiehu lura u naqset milli tiehu. Il-konvenut sostna li dawn l-oggetti kellhom data ta' skadenza fil-vicin, u li direttur tas-socjeta` attrici qallu li jekk ma jbieghhomx jehduhom lura. Skond il-konvenut dan in-negozju kien sar fl-1985.**

5. **Mill-istatement esebit ma jirrizultax li t-talba tas-socjeta` attrici tirrigwarda ammont ghal xi konsenja li saret fl-1985, izda ferm wara, bejn l-1996 u l-1998. L-atturi da parti taghhom sostnew biss li l-ammont mitlub ma kienx imhallas.**

6. **Il-konvenut ma gab ebda prova in sostenn ta' dak li qed jallega, cioe` li l-oggetti konsenjati kienu ser jiskadu. Lanqas ma jidher li sar xi tentattiv kwalunkwe da parti tal-konvenut biex jirritorna l-oggetti, kif kellu kull interess li jaghmel, jekk hu ma bieghhomx. Da parti tas-socjeta` attrici, jirrizulta li dan l-ammont ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant, filwaqt li qed tigi respinta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata in kwantu ma giex indikat l-Artikolu rilevanti fir-rigward, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm157.53) bl-imghaxijiet legali mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**